MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2394/2004

**Dr. Mark Attard Montalto LLD ghan-nom tal-konjugi Dottor Gerald Lackner u martu Millie Rita Lackner**

**Vs**

**Francis Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija u sebgha w erbghin lira Maltin (Lm947) rapprezentanti r-rifuzjoni ta' flus moghtija lill-konvenut sabiex jaghmel u jinstalla kcina tal-pajn ghall-atturi, liema kcina qatt ma giet ikkonsenjata lilhom u dan nonostante li l-imsemmija kcina kellha tigi kompluta u moghtija lill-atturi mill-konvenut sal-ahhar ta' Gunju, 2004 flimkien mad-danni li l-atturi sofrew minhabba ikel *takeaway* li kellhom

jieklu barra mill-appartament taghhom minhabba n-nuqqas u l-konsenja tal-kcina.

Ra illi l-konvenut Francis Camilleri, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Mark Attard Montalto jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' disa' mija u sebgha w erbghin lira Maltin (Lm947).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------